# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 4**

**Avviz numru 206/99 SM**

**U.C.I.M. Ltd.**

**vs**

**Joseph Galea.**

**Il-Qorti;**

Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-12 ta' Dicembru 2000 f'din il-kawza, liema sentenza taqra kif gej :-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-8 ta' Frar ta' l-1999 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti biex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u tnejn u disghin lira Maltija, (LM792.00,0), rapprezentanti import ta'

kambjala, debitament accettata, skaduta fi Frar, 1998 u mhux imhallsa, li qed tigi annessa bhala dokument “A”;

2. Bl-imghax legali mill-iskadenza tal-kambjala li sat-2 ta’ Frar, 1999 jammontaw ghall-LM67.00,0, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta’ Ottubru, 1998 kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata it-23 t’April ta’ l-1999 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta’ attrici u dan stante li l-kambjala thallset lilha;

2. Illi l-vettura li fuqha kien hemm kambajli, inkluz dik li fuqha qed tivvanta il-pretenzjonijiet taghha s-socjeta’ attrici thallsu minn certu Joe, kunjomu mhux maghruf tad-ditta Joe’s Auto Dealer, Triq il-Kostituzzjoni Mosta li kien xtara il-vettura u obbliga ruhu li jhallas il-kambjali kollha pendenti mas-socjeta’ attrici u fil-fatt kien sar it-trasferiment mehtieg mid-dipartiment tal-Licenzji u Testijiet meta l-istess vettura inxtrat mid-ditta fuq indikata;

3. Salv eccezzjonjiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-konvenut kien xtara vettura tal-marka Fiat Bravo minghand is-socjeta’ attrici;

2. Illi l-pagamenti tal-konvenut kienu qed isiru perjodikament tramite kambjali minnhu assunti;

3. Illi filwaqt li l-konvenut isostni li ma fadallux kambjali x’ihallas lis-socjeta’ attrici, din ta’ l-ahhar issostni li dan ghad fadallu jhallas l-ahhar kambjala u ghalhekk giet intavolata din il-procedura;

Ikkonsidrat:

Illi jirrizulta li waqt li l-istess konvenut kien ghadu fil-fazi li jhallas l-ammont rimanenti lis-socjeta' attrici iddecieda li jbiegh il-vettura in dizamina lill-terzi;

Illi jirrizulta li dan it-terz li xtara din il-vettura minghand il-konvenut hallas parti mis-somma dovuta lill-konvenut f'kontanti u kompla jhallas lis-socjeta' attrici l-ammont rimanenti;

Illi dan it-terz inghata "cancellation form" mis-socjeta' attrici meta hallas l-ammont kollu dovut;

Illi inoltre, u fir-rigward esklussivament tal-konvenut, jirrizulta li giet ipprezentata ricevuta datata s-27 ta' Lulju ta' l-1998 fuq pagament ta' l-istess konvenut fejn is-socjeta' attrici zammet il-pagament lilha maghmul "in full and final settlement" cioe', ghas-saldu ta' kwalunkwe pretensjoni li din is-socjeta' setghet tivvanta kontra l-konvenut li effetwa tali pagament;

Illi f'Ottubru ta' l-1998 l-istess socjeta' tallega li hadet zball fil-konteggi taghha u inizjat l-ewwel proceduri fil-konfront ta' l-konvenut li eventwalment wasslu ghal din il-procedura;

Illi pero' il-principju tac-certezza tad-dritt iqis tali azzjoni bhala wahda odjuza stante li jekk dan l-argument jigi accettat l-ebda dikjarazzjoni ma tkun vinkolanti;

Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li ghar-ragunijiet espressi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez."

Minn dik is-sentenza appellat is-socjeta' attrici permezz ta' rikors tal-appell prezenat fid-29 ta' Dicembru 2000, li bih din il-Qorti intalbet tirrevoka s-sentenza appellata filwaqt li tilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

Il-konvenut appellat ipprezenta risposta fil-25 ta' Jannar 2001.

L-appellant ghandu diversi sottomissjonijiet li brevement huma kif gej :-

1. Illi mill-provi prodotti jidher car li l-kambjala mertu ta' din il-kawza baqghet ma thallsitx u ma kienitx korretta l-ewwel Qorti li ghazlet li tichad it-talbiet attrici abbazi tal-principju tac-certezza tad-dritt ghax kienet giet firmata "cancellation form" u nharget ricevuta "in full and final settlement" lill-konvenut.

2. Illi fir-rigward tal-"cancellation form" ghandu jinghad li din hija biss dokument li jawtorizza t-trasferiment tal-vettura u li fiha nfisha, bl-ebda mod, ma' tista' tigi ekwiparata ma' prova li l-kambjala meritu ta' din il-kawza thallset, aktar u aktar meta jigi provat illi din inharget bi zvista peress li l-ammont dovut skond il-kambjala kien jinzamm f'kont separat. L-appellanti jissottomettu illi mhux talli din is-sitwazzjoni bhala fatt ma gietx kontradetta mill-konvenut izda talli jirrizulta illi fil-fatt il-konvenut kien jaf b'din is-sitwazzjoni u ma ghamel xejn ghax deherlu li seta' jiehu vantagg minnha.

3. Illi l-azzjoni odjerna hija wahda purament kambjarja rigwardanti kambjala li holqot relazzjoni guridika, separata u distinta minn dik tat-trasferiment tal-vettura proprja. Dan jidher li gie injorat mill-ewwel Qorti li ma tat ebda konsiderazzjoni ghall-fatt li din hija azzjoni kambjarja semplici u pura u li bhala tali ma tistax tkun effettwata mis-semplici awtorizazzjoni tat-trasferiment tal-vettura in kwistjoni.

4. Rigward ir-ricevuta “in full and final settlement” ghandu jigi osservat li fil-fatt ma tirrizulta ebda ricevuta “in full and final settlement” tal-ammonti dovuti mill-konvenut in konnessjoni mal-akkwist originali tal-vettura in kwistjoni minghand is-socjeta’ attrici stante li r-receipt number 000160 (Dok JA1) fejn hemm indikat in full and final settlement tirreferi ghal “refund of interest and refund of collection fee in consideration of pre-payment of bills of exchange and this in full and final settlement” – li minn ezami akkurat tal-istess dicitura tasal ghall-konkluzjoni unika li r-“refunds” hemm imsemmija huma dovuti mis-socjeta’ attrici lill-konvenut u mhux vice-versa. Ghalhekk, hemm zball evidenti fl-istess ricevuta billi kellha ssir “receipt from U.C.I.M. Company Limited” u mhux “from Joseph Galea”. Fil-fehma tal-appellanti dan l-izball seta’ zvija l-ewwel Qorti fl-interpretazzjoni tal-kliem “in full and final settlement” in kwantu applikathom favur il-konvenut. Aktar minn hekk, pero’, l-ewwel Qorti estendiet l-applikazzjoni tal-istess kuncett ghal “kwalunkwe pretensjoni li s-socjeta’ attrici setghet tivvanta kontra l-konvenut”. Interpretazzjoni wiesgha hafna meta fil-fatt ir-ricevuta kienet tirreferi biss ghar-“refunds” hemm indikati u bl-ebda mod ma kienet tirreferi ghall-hlas tal-prezz tal-istess vettura.

5. Minn naha l-ohra, jissottometti l-appellant, ir-ricevuta l-ohra 021056 (Dok JA1) rapprezentanti l-ammont imhallas minn Attard fuq il-kont tal-“hire purchase agreement” hija mahruga f’isem il-konvenut bhala “temporary receipt” u mhix mahruga bhala “in full and final settlement” jew assaldu ta’ kwalunkwe pretensjoni li s-socjeta’

esponenti setghet tivvanta kontra l-konvenut, kif erronjament ikkonsidrat l-ewwel Qorti. L-appellanti jissottomettu illi aktar minn hekk jirrizulta li l-ewwel Onorabbli Qorti f'din ir-ricevuta temporanja naqset li tikkonsidra li nghatat ghall-kambjali skaduti bejn Lulju 1998 sa Ottubru 2002, mentri l-kambjala meritu ta' din il-kawza, invece, skadiet fi Frar 1998, ghal liema kambjala ma giet prodotta l-ebda ricevuta naturalment ghax ma thallsitx.

Din il-Qorti kwazi rriproduciet l-ilmenti tas-socjeta' appellanti in toto peress li essenzjalment, specjalment, fuq bazi legali, taqbel maghhom.

Fl-ewwel lok, hu appena necessarju jigi rilevat illi hawn si tratta ta' azzjoni kambjarja u mhuwiex lecitu illi hlief f'kazijiet eccezzjonali li l-gurisprudenza fil-kors tas-snin ipprovdiet ghalihom, l-azzjoni tigi znaturata biex tikkomprendi nozzjonijiet u konsiderazzjonijiet ohra li mhumiex permissibbli f'azzjonijiet simili.

Fit-tieni lok, kif sewwa gie rilevat, l-ewwel wahda mir-ricevuti ezebiti u cioe', r-ricevuta 000160 rilaxxata mill-Accounts Department a favur tal-konvenut klijent tal-istess socjeta' tirreferi ghall-hlas ta' Lm724 rapprezentanti Lm651 "refund of interest" u Lm73 "refund of collection fees in consideration of pre-payment of bills of exchange and this in full and final settlement." Dan ifisser illi dik ir-ricevuta tirreferi ghal "refund of interest u refund of collection fees" b'riferenza ghal dawk il-"bills of

exchange" li thallsu qabel ma kienu dovuti. Huwa ovvju illi l-kambjala de quo kienet diga' skaduta u dovuta u ghalhekk ma jistax jinghad illi din ir-ricevuta, almenu "on the face of the record", tista' tirreferi ghaliha. It-tieni ricevuta, cioe', dik bin-numru 021056, ukoll rilaxxata a favur ta' Joseph Galea, tirreferi ghal pagamenti dovuti minn Lulju 1998 sa Ottubru 2002 u ghalhekk, ukoll ma jistax jinghad illi tkopri l-kambjala meritu tal-kawza odjerna.

Dak li inghad dwar il-"cancellation form" u materji ohra relativi, fil-fehma ta' din il-Qorti ma jistax iservi biex jiznatura l-azzjoni kambjarja minn kif inhi proposta una volta hemm provi sufficjenti li abbazi taghhom din il-Qorti, bla diffikulta' ta' xejn, tasal ghall-konkluzjoni li l-import ta' din il-kambjala ma thallas qatt. Din il-Qorti hija wkoll sodisfatta illi l-konvenut ipprova jiehu vantagg mis-sitwazzjoni kif zvolgiet ruhha wara li evidentement is-socjeta' attrici hadet zball fil-konteggji taghha, ghalkemm huwa zball infelici ghax din il-Qorti ma tistenniex illi socjeta' bhal dik attrici ghandha taqa' fi zbalji bhal dawn. Hu x'inhu, pero', hawn si tratta ta' azzjoni kambjarja, l-aspett tac-certezza tad-dritt, kif spjegat, minhabba illi fil-fehma ta' din il-Qorti , l-ewwel Qorti zvijat ruhha in kwantu jirrigwarda l-import tar-ricevuti ezebiti, hija rrilevanti ghall-kwistjoni u konsegwentement m'hemmx alternattiva ghal din il-Qorti hlief li tghaddi biex takkolji l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata filwaqt li tilqa' t-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi akkolt, is-sentenza appellata qed tigi revokata, u peress illi jirrizultaw gustifikati, it-talbiet attrici qed jigi akkolti kif proposti.  L-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a karigu tal-konvenut appellat.

Dep/Reg

mg